# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. – PRESIDENT**

**Seduta ta' nhar It-Tnejn, 14 ta' Jannar, 2002.**

**Numru 9**

**Avviz numru 1369/96 SM**

**Frans u Mary mizzewgin Camilleri**

**vs**

**Alfred u Doris konjugi Ellul u Kevin Ellul**

**Il-Qorti;**

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

Il-Qorti Civili tal-Magistrati fit-13 ta' Gunju tas-sena 2000 ippronunzjat is-segwenti sentenza fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi :-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat is-26 ta' Novembru ta' l-1996 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenuti biex jidhru quddiem din il-Qorti u jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu ikkundannati:

1. Jizgumbraw mill-garage li jinsab fi Triq Gdida, fi Triq San Gwann, Gharghur, proprjeta' tieghu stante li qeghdin jokkupaw l-istess garage minghajr titolu validu fil-ligi u dan fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss;

2. Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Awissu ta' l-1996 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni;

Illi ghall-fini ta' kompetenza gie dikjarat li l-valur lokatizju tal-garage ma jeccedix il-hames mitt Lira Maltin, (LM500.00,0) fis-sena;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti datata s-16 ta' Jannar ta' l-1997 li permezz taghha eccepew is-segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok il-konvenuti jissottomettu li l-ewwel trid tigi deciza l-kawza li hemm pendenti bejn l-atturi u l-konvenuti konjugi Ellul quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili rigwardanti l-wirt tal-mejjet Louis Camilleri stante li l-garage in kwistjoni jifforma parti minn dan il-wirt;

2. Illi bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-atturi jridu jippruvaw it-titolu taghhom;

3. Illi l-konvenuti ghandhom kull dritt jokkupaw il-garage in kwistjoni;

Rat id-decizjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta datata s-16 ta' Jannar ta' l-1998 li permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm premessi cahdet l-ewwel eccezzjoni fuq indikata u ordnat il-prosegwiment tal-kawza;

Ezaminat ix-xhieda prodotta;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu elenkati bil-mod segwenti:

1. Illi l-attur Frans u l-konvenuta Doris huma ahwa;

2. Illi fid-deposizzjoni taghha, il-konvenuta Doris Ellul tikkonferma li l-garage meritu ta' din il-kawza inbena fil-porzjon art li misset lill-attur Frans Camilleri meta inqasam il-wirt;

3. Illi din l-asserzjoni hi verifikabbli u tirrizulta debitament ipprovata mill-kuntratt in atti tan-nutar Dr. Frans Micallef datat 5 ta' Dicembru ta' l-1973;

4. Illi mill-bqija hemm diversi asserzjonijiet gratwiti li ma jimmeritawx aktar impenn;

5. Illi l-attur qatt ma iffirma kotba tal-kera rigward il-fond mertu ta' din il-kawza;

6. Illi ghalhekk il-konvenuti ma jirrizultalhomx li ghandhom xi titolu li jistghu jivvantaw fuq haddiehor;

Ikkonsidrat:

Illi ghaldaqstant din il-Qorti taqta' u tiddeciedi li ghar-ragunijiet espressi tilqa' t-talbiet ta' l-atturi konjugi Camilleri u tordna lill-konvenuti Alfred u Doris konjugi Ellul u Kevin Ellul biex jizgombraw mill-garage li jinsab fi Triq Gdida, fi Triq San Gwann, Gharghur, fi zmien tlett gimghat mill-lum, bl-ispejjez."

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

F'din il-kawza l-atturi qieghdin jitolbu r-ripreza ta' fond proprjeta' taghhom minghand il-konvenuti Alfred u Doris konjugi Ellul u Kevin Ellul. L-ewwel Qorti trattat il-kawza kontestwalment ma' kawza ohra bl-ismijiet "Francis Camilleri vs Kevin Ellul" (Avviz numru 1004/95 SM) u ddecidiet l-istess zewg kawzi flimkien fit-13 ta' Gunju tas-sena 2000 kif ukoll sejra taghmel din il-Qorti. Infatti l-kontendenti qablu illi z-zewg kawzi jinstemghu kontestwalment kif jidher mill-verbal tat-30 ta' Mejju 1997. Iz-zewg kawzi infatti ghandhom mertu unika u kienu jinvolvu l-istess persuni hlief li f'din il-kawza flimkien mal-konvenut Kevin Ellul ukoll gew imharrkin l-konjugi Ellul, il-genituri tieghu.

Fiz-zewg kawzi l-kontestazzjoni kienet dwar jekk kienx jezisti jew le titolu validu ta' kera koncess lill-konvenuti minn Wigi Camilleri, missier Doris Ellul li tigi oht l-attur. L-ewwel Qorti ddecidiet li tali titolu validu ma kienx jezisti. L-istess tikkonferma din il-Qorti fil-kawza l-ohra Francis Camilleri vs Kevin Ellul (Citazz. 1004/95) deciza wkoll illum. Il-konsiderazzjonijiet f'dik il-kawza japplikaw mutatis mutandis ghal din il-kawza. Gie abbondantament pruvat illi ghalkemm jidher illi Wigi Camilleri kellu l-pussess tal-fond de quo in kwantu kien bnieh hu, hu kien ghamel hekk meta kien jaf illi l-art li fuqha bena ma kienitx proprjeta' tieghu imma kienet proprjeta' ta' huh, l-attur, li lilu kienet ipperveniet b'kuntratt ta' divizjoni ta' proprjeta' ereditarja li fiha huma t-tnejn ippartecipaw. Certament allura ma setax jinghad illi l-istess Wigi Camilleri kellu xi titolu ta' proprjeta' anke jekk temporanju jew li seta' jigi mahlul. Ghall-fini tas-subinciz 1 tal-artikolu 1530 tal-Kodici Civili ma kienx bizzejjed li wiehed jippossjedi b'tolleranza jew b'semplici detenzjoni jew prekarju. Kellu bilfors jipprova titolu li seta' bid-dritt jivvanta kontra s-sid jew id-direttarju tal-fond jew il-persuna li minghandha jkun ottjena l-allegat titolu li kien jippossjedi. Din il-prova f'dan il-kaz ma saritx. Il-konvenuti ghall-ewwel naqsu illi jissodisfaw il-vot tal-Ligi illi t-titolu ta' kera li huma jivvantaw – u li fil-fatt lanqas gie definittivament ippruvat – kien wiehed illi seta' jorbot lill-attur. Dan apparti l-konsiderazzjoni l-ohra, wkoll valida fil-kaz taht ezami, illi ma setax jinghad illi l-attur appellat kien b'xi mod is-successur fit-titolu ta' huh Wigi Camilleri. Se mai kienu t-tnejn is-successuri fit-titoli bhala

eredi tal-persuna li minghandhom wirtu l-proprjeta'. Anke taht dan l-aspett l-inapplikabbilita' tal-artikolu 1530 tidher evidenti.

Ghal dawn ir-ragunijiet u wkoll ghar-ragunijiet dedotti minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-lum fil-kawza fl-ismijiet Francis Camilleri vs Kevin Ellul (Avviz Numru 1004/95 SM) l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti. Ghall-fini tal-izgumbrament it-terminu ta' tlett gimghat li huwa koncess fis-sentenza appellata kellu jibda jiddekorri mil-lum.

Dep/Reg

mg